REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/353

tat-3 ta' Marzu 2020

li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fil-15 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' roti tat-triq tal-azzar ("SRW") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Ippubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' Bidu"). Il-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni ġie ċċarat fin-notifika li temenda n-Notifika ta' Bidu ([3]).

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2019 mill-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tar-Roti Ewropej (l-"EUWA" (Association of European Wheels Manufacturers) jew "l-ilmentatur") f'isem produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tar-roti tat-triq tal-azzar tal-Unjoni. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u ta' dannu materjali riżultanti li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni ma ssoġġettatx l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14 (5a) tar-Regolament bażiku, kif spjegat fil-premessa 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1693 ([4]) (ir-Regolament provviżorju"). L-ebda parti ma kkummentat dwar dan il-punt.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Notifika ta' bidu ta' proċedimenti antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 60, 15.2.2019, p. 19).

([3]) Avviż li jemenda n-notifika ta' bidu ta' proċediment antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 111, 25.3.2019, p. 52).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1693 tad-9 ta' Ottubru 2019 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjoni ta' roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 259, 10.10.2019, p. 15).

1.3. **Miżuri provviżorji**

(4) F'konformità mal-Artikolu 19(a) tar-Regolament bażiku, fid-19 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet b'sommarju tad-dazji proposti u d-dettalji dwar il-kalkolu tal-marġni tad-dumping u l-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar l-akkuratezza tal-kalkoli fi żmien tlett ijiem. Ma ġie ppreżentat l-ebda kumment.

(5) Fil-11 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni imponiet dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina permezz tar-Regolament provviżorju.

(6) Kif iddikjarat fil-premessa 23 tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI") u l-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

1.4. **Proċedura sussegwenti**

(7) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġew imposti miżuri antidumping provviżorji ("divulgazzjoni proviżorja"), l-ilmentatur, tmien importaturi u/jew rivendituri, u żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi għamlu sottomissjonijiet bil-miktub biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji.

(8) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità. Saret seduta ma' produttur esportatur Ċiniż wieħed. F'dak l-istadju ma ntalbet l-ebda seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali.

(9) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għas-sejbiet finali tagħha. Meta waslet għall-konklużjonijiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni qieset il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati u rrevediet il-konklużjonijiet provviżorji tagħha meta xieraq.

(10) Il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kienet biħsiebha timponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-RPĊ (id-"divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(11) Fid-9 ta' Jannar 2020, importatur mhux relatat kellu seduta ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni. Fis-16 ta' Jannar 2020, grupp wieħed ta' produtturi esportaturi Ċiniżi kellu smigħ fil-preżenza tal-Uffiċjal tas-Seduta dwar l-istadju wara d-divulgazzjoni finali.

(12) Il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati tqiesu u ġew ikkunsidrati fejn xieraq f'dan ir-Regolament.

1.5. **Kampjunar**

(13) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-kampjunar, il-premessi minn 7 sa 18 tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

1.6. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat**

(14) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat, il-premessa 23 tar-Regolament provviżorju ġiet ikkonfermata.

2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

2.1. **Dikjarazzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott**

(15) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, diversi partijiet indikaw ambigwitajiet fid-deskrizzjoni tal-kodiċi TARIC 8716 90 90 97, jiġifieri wieħed mill-kodiċijiet soġġetti għal miżuri provviżorji. Dawn il-partijiet talbu lill-Kummissjoni tikkonferma li dan il-kodiċi jirreferi biss għal roti għall-użu fit-triq, u għalhekk ma jkoprix roti għall-karretti u għat-trakkijiet tal-idejn.

(16) Il-Kummissjoni kkonfermat li din l-interpretazzjoni kienet korretta u li r-roti għall-karretti u għat-trakkijiet tal-idejn ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-investigazzjoni. Biex tiġi żgurata ċ-ċarezza, il-Kummissjoni aġġustat id-deskrizzjoni tal-kodiċi TARIC inkwistjoni kif xieraq. Fid-29 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll nota għall-fajl biex tgħarraf lill-partijiet interessati kollha dwar dan l-aġġustament.

(17) Qabel il-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, importatur mhux relatat talab għall-esklużjoni ta' stepnis tal-azzar għall-karozzi tal-passiġġieri minħabba li skont hu dawn ma għandhomx l-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi bażiċi bħall-prodotti l-oħra kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Dan l-importatur argumenta li l-istepnis tal-azzar ma jistgħux jintużaw bħar-roti normali minħabba li l-veloċità tagħhom hija limitata għal 80 km fis-siegħa. Il-parti sostniet ukoll li l-produzzjoni globali ta' roti żejda tal-azzar għall-karozzi tal-passiġġieri hija żgħira ħafna fl-Unjoni u saħansitra ineżistenti fil-każ tas-suq ta' sostituzzjoni (b'kuntrast mas-segment tal-Fabbrikant tat-Tagħmir Oriġinali jew "OEM" (original equipment manufacturer) fejn ir-roti huma inkorporati fil-karozza matul il-proċess ta' manifattura).

(18) Il-Kummissjoni ma laqgħetx it-talba tal-importatur mhux relatat. Il-limitu tal-veloċità ma jbiddilx il-karatteristiċi tekniċi u fiżiċi bażiċi ta' rota u l-importatur ma pprovda l-ebda evidenza oħra li turi li dawn l-istepnis għandhom karatteristiċi tekniċi u fiżiċi differenti mill-prodotti l-oħra kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-parti nnifisha kkonfermat li dawn it-tipi ta' roti jiġu prodotti fl-Unjoni u għalhekk huma f'kompetizzjoni mal-istepnis tal-azzar importati. Il-fatt li dawn ir-roti allegatament ma jiġux prodotti u ma jinbiegħux mill-industrija tal-Unjoni f'wieħed miż-żewġ kanali ta' distribuzzjoni ewlenin mhuwiex rilevanti peress li r-roti tat-triq tal-azzar fis-suq tal-partijiet ta' sostituzzjoni u dawk li jinbiegħu fis-segment tal-OEM għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi bażiċi.

(19) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, parti kkritikat il-fatt li l-ilment juża l-applikazzjoni ta' rota, jiġifieri roti użati fit-triq, biex jiġi determinat jekk rota tal-azzar taqax fl-ambitu tal-investigazzjoni jew le. Minflok, il-parti pproponiet li l-veloċità u t-tagħbija għandhom ikunu l-fatturi ta' distinzjoni biex jiġi determinat jekk rota tal-azzar hijiex iddisinjata biex tintuża fit-triq u jekk għalhekk taqax fl-ambitu tal-investigazzjoni. B'mod partikolari, il-parti qieset li r-roti intiżi biex jivvjaġġaw 'il fuq minn 50 km/h biss huma ddisinjati u mibnija bħala roti tat-triq. Il-parti tenniet din l-affermazzjoni wara d-divulgazzjoni finali.

(20) Il-Kummissjoni qieset li din l-affermazzjoni ma tqajjimx dubji dwar id-definizzjoni tal-prodott jew dwar l-ambitu tal-investigazzjoni nnifisha, iżda pjuttost tissuġġerixxi mod alternattiv kif jiġu deskritti r-roti tat-triq tal-azzar. Madankollu, il-Kummissjoni ma tqisx li l-veloċità hija fattur rilevanti għad-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott, kif spjegat hawn fuq fil-premessa 18, u għalhekk ċaħdet il-proposta tal-parti.

(21) Produttur esportatur wieħed ilmenta li r-regolament provviżorju la kien fih definizzjonijiet tekniċi għall-prodotti eskluži u lanqas proċeduri biex wieħed ikun jista' jikkonferma mal-uffiċjali doganali tal-Unjoni u mas-servizzi tal-Kummissjoni jekk ċerti prodotti humiex eskluži jew le mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri.

(22) Il-Kummissjoni kkonfermat, madankollu, li d-definizzjonijiet tekniċi tal-prodotti eskluži u l-proċeduri doganali diġà fis-seħħ kienu biżżejjed għall-applikazzjoni u l-monitoraġġ xierqa tal-miżuri anti-dumping attwali, u li, f'dan l-istadju, definizzjonijiet jew proċeduri addizzjonali ma kinux jidhru meħtieġa f'dan il-każ. Għalhekk din id-dikjarazzjoni ma ntlaqgħetx.

(23) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, importatur mhux relatat sostna li r-roti tal-azzar għat-trejlers jew għas-semitrejlers agrikoli b'dijametru tar-rimm ta' aktar minn 16-il pulzier (sa 54 pulzier) jenħtieġ li jiġu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni minħabba li l-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi tagħhom huma differenti minn dawk tar-roti tal-azzar għat-trejlers jew għas-semitrejlers tat-trakkijiet kif ukoll f'termini ta' veloċità, kapaċità ta' tagħbija u toqob għall-istuds. Għall-finijiet ta' kjarifika ġie nnotat li r-Regolament provviżorju semmal-esklużjoni tar-roti għal trejlers agrikoli u għal tagħmir agrikolu rmunkat ieħor li jintuża fl-għelieqi b'dijametru tar-rimm ta' mhux aktar minn 16-il pulzier mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri. Madankollu, filwaqt li din l-esklużjoni naqqset l-ambitu tal-investigazzjoni, hija ma biddlitx il-fatt li r-roti ddisinjati u użati primarjament għal finijiet ta' użu barra mit-triq qatt ma kienu koperti mid-definizzjoni tal-prodott, kif spjegat fil-premessa 24.

(24) Ġie nnotat li r-Regolament provviżorju eskluda b'mod provviżorju r-roti għal trejlers tal-karozzi tal-passiġġieri, għal karavans, għal trejlers agrikoli u għal tagħmir agrikolu rmunkat ieħor li jintuża fl-għelieqi, b'dijametru tar-rimm ta' mhux aktar minn 16-il pulzier mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri. Xi partijiet qiesu li, bħala konsegwenza, ir-roti ta' trejlers agrikoli u ta' tagħmir agrikolu rmunkat ieħor li jintuża fl-għelieqi, b'dijametru tar-rimm ta' aktar minn 16-il pulzier għandhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri. Madankollu, il-Kummissjoni ċċarat li, permezz ta' din l-esklużjoni, ma kellhiex l-intenzjoni li tinkludi ċerti tipi ta' roti oħra li ma jintużawx fit-triq fl-ambitu tal-investigazzjoni. Fil-fatt, fin-Notifika ta' Bidu r-roti ddisinjati għal użi oħra minbarra għal fuq it-toroq pubbliċi kienu speċifikament esklużi mid-definizzjoni tal-prodott. Din kienet ukoll l-intenzjoni tal-ilmentatur. Tabilħaqq, il-verżjoni miftuħa tal-ilment speċifikat li r-roti OTR (Off the Road), jiġifieri r-roti għal tagħmir li normalment ma jkunx iddisinjat għat-triq, bħal roti agrikoli, roti għal ċaqliq ta' terrapien u għal tagħmir tal-minjieri u roti għal ġarr industrijali (bħal roti għat-trakkijiet tal-lift jew krejnijiet) huma esklużi minn dan l-ilment. L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda bażi għal argument kontra l-esklużjoni, u għalhekk ir-roti tal-azzar għal trejlers jew għal semitrejlers agrikoli ma kinux inklużi fl-ambitu tal-investigazzjoni, irrispettivament mid-dijametri tar-rimmijiet tagħhom.

(25) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EUWA pproponiet li "roti għall-użu f'vetturi għall-bini" jiżdiedu fil-lista ta' prodotti esklużi. Il-Kummissjoni qieset li din iż-żieda mhijiex meħtieġa peress li dawk ir-roti qatt ma kienu koperti mid-definizzjoni tal-prodott. Il-proposta tal-EUWA għalhekk ġiet miċħuda.

(26) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, importatur mhux relatat sostna li ċerti roti għall-karozzi tal-passiġġieri għat-tajers tax-xitwa jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni, jiġifieri roti ddisinjati apposta biex ikunu jistgħu jitwaħħlu fuq diversi mudelli ta' karozzi. Il-kumpanija ddikjarat li l-produtturi tal-Unjoni rrifjutaw li jipproduċu dan it-tip ta' roti u li dawn ir-roti għandhom karatteristiċi ta' ffrankar tar-riżorsi u li s-sehem tagħhom fis-suq sekondarju jew fis-suq tal-partijiet ta' sostituzzjoni huwa wieħed minuri. Il-parti tenniet dawn l-affermazzjonijiet wara d-divulgazzjoni finali.

(27) L-investigazzjoni sabet li r-roti tal-azzar għat-tajers tax-xitwa – inklużi dawk li jiffittjaw fuq diversi mudelli ta' karozzi – għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi bħall-prodotti l-oħra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott tal-investigazzjoni. Ir-rota mill-importatur mhux relatat hija rota "universali" tal-karozzi tal-passiġġieri li għandha ċirku adattur għat-toqba tan-nofs. Din l-aħħar karatteristika tippermetti l-użu ta' rota ta' bażi waħda għal dijametri differenti ta' toqob tan-nofs permezz ta' adapters tat-toqob tan-nofs differenti. Ir-riżultat huwa l-istess bħal ta' toqba tan-nofs fissa. Il-prodott jikkompeti mar-roti għal tajers tax-xitwa prodotti mill-produtturi tal-Unjoni u li huma distribwiti kemm mill-OEM kif ukoll mill-kanal ta' wara l-bejgħ. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda bażi biex dan it-tip ta' prodott jiġi eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni. Għalhekk il-Kummissjoni ma laqgħetx it-talba tal-importatur mhux relatat.

2.2. **Konklużjoni**

(28) Wara li qieset il-kummenti kollha sottomessi mill-partijiet interessati wara r-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni kkonfermat li d-definizzjoni tal-prodott fil-premessa 42 tar-Regolament provviżorju kienet tirrifletti kif xieraq l-ambitu tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-prodott ikkonċernat ġie definit bħala roti tal-azzar iddisinjati għall-użu fit-triq, kemm jekk bl-aċċessorji tagħhom jew mingħajrhom u kemm jekk mgħammra bit-tajers kif ukoll jekk le, iddisinjati għal:

— Tratturi tat-triq,

— Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' persuni u/jew għat-trasport ta' merkanzija,

— Vetturi bil-mutur għal skopijiet speċjali (pereżempju, vetturi għat-tifi tan-nar, trakkijiet għall-bexx),

— Trejlers jew semitrejlers, mhux motorizzati, tal-vetturi elenkati hawn fuq

li joriġinaw mir-RPĊ, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8708 70 10, ex 8708 70 99 u ex 8716 90 90 (kodiċijiet TARIC 8708 70 10 80, 8708 70 10 85, 8708 70 99 20, 8708 70 99 80, 8716 90 90 95 u 8716 90 90 97) ("il-prodott ikkonċernat").

Il-prodotti li ġejjin kienu eskluży:

— Roti tat-triq magħmulin mill-azzar għall-assemblaġġ industrijali ta' trakters ikkontrollati minn persuni li jkunu mexjin li attwalment jaqgħu taħt is-subintestatura 8701 10,

— Roti għal kwads tat-triq,

— Ċentri ta' roti f'forma ta' stilla, fonduti biċċa waħda, tal-azzar,

— Roti għal vetturi bil-mutur iddisinjati speċifikament għal użi minbarra fuq toroq pubbliċi (pereżempju, roti għat-tratturi agrikoli jew tal-forestrija, għall-forklifters, għall-pushback tractors, għal dumpers iddisinjati għall-użu barra mit-toroq pubbliċi),

— Roti għal trejlers tal-karozzi tal-passiġġieri u għall-karavans, mhux motorizzati, b'dijametru tar-rimm ta' mhux aktar minn 16-il pulzier,

— Roti għal trejlers jew għal semitrejlers, iddisinjati speċifikament għal użi minbarra fuq toroq pubbliċi (pereżempju, roti għat-trejlers agrikoli u għal tagħmir agrikolu rmunkat ieħor li jintuża fl-għelieqi).

3. **DUMPING**

3.1. **Kummenti preliminari**

(29) Kif spjegat fil-premessi minn 43 sa 48 tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fir-rigward ta' wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun. Il-Kummissjoni ma setgħetx tirrikonċilja l-kontijiet awditjati u r-rapporti fiskali tal-produttur esportatur mal-bejgħ rapportat tiegħu mill-esportazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li l-informazzjoni pprovduta ma kinitx affidabbli, u b'hekk skattat il-ħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku sabiex il-Kummissjoni ttemm id-determinazzjoni tagħha tal-marġini tad-dumping u tad-dannu tal-produttur esportatur.

(30) Fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni provviżorja, il-kumpanija inkwistjoni tenniet l-argumenti tagħha kontra l-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, li kienet diġà ppreżentat fit-tweġiba għall-ittra mibgħuta lill-kumpanija fid-19 ta' Ġunju 2019 dwar l-użu possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u waqt is-seduti fl-istadju provviżorju tal-investigazzjoni.

(31) Barra minn hekk, il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni biex tuża l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku minflok l-Artikolu 18(1) biex tagħmel kalkolu individwali tad-dumping u tal-marġni tad-dannu. Hija bbażat it-talba tagħha fuq l-allegazzjoni li l-kumpanija kienet ikkooperat bl-aħjar mod possibbli u għalhekk sostniet li l-informazzjoni li ppreżentat ma kellhiex titwarrab kollha kemm hi. Il-kumpanija ppreżentat ukoll metodoloġiji alternattivi biex jiġi kkalkolat il-prezz tal-esportazzjoni, u argumentat li dawk l-alternattivi jippermettu lill-Kummissjoni tiddetermina marġini tad-dumping u tad-dannu individwali għall-kumpanija.

(32) B'mod aktar speċifiku, il-kumpanija pproponiet:

(a) diversi metodi alternattivi li jippermettu l-verifika tat-tranżazzjonijiet dwar l-esportazzjonijiet rapportati tagħha kontra sorsi esterni, bħal pereżempju l-użu ta' *data* mill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni jew ta' rekords tal-klijenti tagħhom fl-Unjoni;

(b) l-użu tal-prezzijiet fuq il-fatturi tal-VAT domestiċi maħruġa lil sensar finanzjarju mhux relatat bħala l-bażi għall-prezz tal-esportazzjoni fil-kalkolu.

(33) Barra minn hekk, fis-sottomissjoni tagħhom tlieta mis-sitt importaturi mhux relatati tal-Unjoni li jixtru l-prodott ikkonċernat mingħand il-kumpanija qablu mal-proposta biex tintuża d-*data* dwar l-importazzjonijiet tagħhom u biex fuq dik il-bażi jiġi kkalkolat marġni tad-dumping individwali għall-produttur esportatur Ċiniż inkwistjoni.

(34) Bi tweġiba għal dawn is-sottomissjonijiet, il-Kummissjoni enfasizzat li l-ebda fatti ġodda ma nġiebu għall-attenzjoni tagħha li jibdlu s-sejba bażika, fuq il-bażi tal-evidenza miġbura matul il-verifika fuq il-post fil-bini tal-produttur esportatur, li t-tranżazzjonijiet tal-bejgħ lejn l-Unjoni rrapportati minn dak il-produttur ma setgħux jiġu rikonċiljati mal-kontijiet awditjati u r-rapporti tat-taxxa tiegħu.

(35) Il-Kummissjoni qieset ukoll li f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku ma setgħux jgħinu lill-produttur esportatur peress li l-kwistjoni quddiemha ma kinitx dwar jekk l-informazzjoni sottomessa mill-parti kinitx ideali mill-aspetti kollha, iżda pjuttost li kien hemm inċertezza fundamentali dwar l-affidabilità tar-reġistri u tal-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma kellha l-ebda mod kif tivverifika dik id-

data b'mod indipendenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kellhiex il-provi meħtieġa biex tkun tista' ttemm il-kalkoli tagħha fir-rigward tal-marġini tad-dumping u tad-dannu tal-produttur esportatur. Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, l-ebda waħda mill-alternattivi proposti ma twassal għall-possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni taċ-ċifri tal-bejgħ u tal-kostijiet rapportati mad-dokumenti uffiċjali verifikati fil-bini tal-kumpanija inkwistjoni (kontijiet awditjati u rapporti fiskali). Barra minn hekk, l-ebda waħda mill-alternattivi ssuġġeriti ma tiżgura li l-Kummissjoni tkun ingħatat il-lista sħiħa ta' tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni mill-produttur esportatur ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tiggarantixxi li tista' ssir sejba raġonevolment preċiża ta' dumping jew marġni ta' dannu, fin-nuqqas ta' sett komplut u verifikabbli ta' tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(36) L-informazzjoni mogħtija mill-kumpanija, konsegwentement, tqieset bħala mhux affidabbli u għaldaqstant ġiet injorata skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku ([5]).

(37) Wara d-divulgazzjoni finali, il-kumpanija tenniet l-affermazzjoni tagħha li l-prezz tal-esportazzjoni tagħha, meħtieġ għad-determinazzjoni tal-marġnijiet ta' dumping u ta' dannu, seta' ġie stabbilit abbażi tal-metodoloġiji alternattivi spjegati fil-premessi 31 sa 33). Barra minn hekk, il-kumpanija nnutat li l-Qorti f'EBMA vs Giant (China) spjegat li "t-terminu *informazzjoni meħtieġa* jirreferi għal informazzjoni miżmuma mill-partijiet interessati li l-istituzzjonijiet tal-UE jitolbuhom biex jipprovdu sabiex ikunu jistgħu jagħmlu s-sejbiet xierqa f'investigazzjoni antidumping" ([6]). F'dan ir-rigward, il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni qatt ma talbet ċerta *data* addizzjonali biex tikkonferma li l-lista ta' tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni kienet kompluta.

(38) Il-Kummissjoni fakkret li l-kumpanija diġà kienet infurmata fid-divulgazzjoni provviżorja speċifika li d-*data* msemmija fil-premessa 37, b'mod partikolari d-*data* sħiħa u verifikabbli tas-sett tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ma kinitx disponibbli għall-Kummissjoni. Il-kumpanija ma kinitx kapaċi tipprovdi evidenza li d-*data* kienet kompluta u, fi kwalunkwe każ, kif spjegat qabel, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifikaha lanqas. Għaldaqstant, l-affermazzjoni li l-Kummissjoni qatt ma talbet informazzjoni addizzjonali mhijiex iġġustifikata. Minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonferma s-sett tad-*data* tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni pprovdut minn din il-kumpanija.

(39) Barra minn hekk, il-kumpanija tenniet li kienet ikkooperat kemm setgħet matul il-proċediment u fakkret li hija l-prattika tal-Kummissjoni li tuża kemm jista' jkun l-informazzjoni tal-kumpanija stess li tirreferi għal investigazzjoni preċedenti ([7]).

(40) Il-Kummissjoni fakkret li ċ-ċirkostanzi uniċi ta' kull investigazzjoni jenħtieġ li jiġu kkunsidrati individwalment. F'dan il-każ, il-problema ewlenija li kellha quddiemha l-Kummissjoni kienet in-nuqqas ta' affidabbiltà fundamentali tar-reġistri tal-kumpanija, li, peress li hija problema fl-għeruq, ma setgħetx tiġi solvuta billi jiġu applikati aġġustamenti għall-informazzjoni sottomessa mill-kumpanija. Peress li r-rekords tal-kumpanija ma setgħux jiġu vverifikati, il-Kummissjoni ma setgħetx taċċerta ruħha lanqas bil-livell meħtieġ ta' ċertezza li s-sett tad-*data* tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni (inklużi l-prodotti esportati u l-volumi u l-valuri tagħhom) kienu akkurati u kompluti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat ukoll li s-sett ta' *data* tal-prezzijiet tal-esportazzjoni pprovdut u kkonfermat b'mezzi oħra, bħal *data* mill-importaturi jew l-istatistika dwar l-esportazzjoni, ma setax jiġi rikonċiljat mal-kontijiet awditjati tal-kumpanija, u dan jissuġġerixxi wkoll li d-*data* ma kenitx affidabbli.

(41) Barra minn hekk, il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni wettqet żball tal-liġi meta applikat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għad-determinazzjoni tal-valur normali billi l-informazzjoni dwar il-prezz tal-esportazzjoni biss instabet li ma kinitx affidabbli. F'dan ir-rigward, il-kumpanija tenniet li r-rapport tal-bord fil-kawża DS 337: KE – Salamun (in-Norveġja) ([8]) imsemmija fl-Anness II tal-Ftehim Antidumping tad-WTO, li jirrikjedi li "l-informazzjoni kollha li hija verifikabbli, li tkun ippreżentata b'mod xieraq sabiex tkun tista' tintuża fl-investigazzjoni mingħajr diffikultajiet eċċessivi, li tiġi pprovduta fil-ħin, u, fejn applikabbli, li tiġi pprovduta f'medju jew lingwaġġ tal-kompjuter li jintalab mill-awtoritajiet, jenħtieġ li titqies meta jsiru d-determinazzjonijiet".

([5]) Il-kawża T-413/13, City Cycle Industries, ECLI:EU:T:2015:164, paragrafi 120 u 121.
([6]) Kawża C-61/16 P, EBMA vs Giant (China), punt 57, EU:C:2017:968.
([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 950/2001 (ĠU L 134, 17.5.2001), il-premessi 43–44.
([8]) Panel report, EC — Salmon (Norway), premessi 7.354–355.

(42) Il-Kummissjoni qieset li minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Anness II tal-Ftehim Antidumping tad-WTO, id-determinazzjoni tal-valur normali kienet mingħajr effett f'dan il-każ. Il-kumpanija ssottomettiet informazzjoni għad-determinazzjoni tal-marġni tad-dumping individwali tagħha. Il-Kummissjoni sabet li l-informazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni, li hija element fundamentali fid-determinazzjoni tal-marġni tad-dumping, ma kinitx affidabbli peress li ma setgħetx tiġi vverifikata. In-nuqqasijiet kienu ta' tali natura li ma setgħet tintuża l-ebda informazzjoni pprovduta għad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni. F'każ bħal dan, kull determinazzjoni tal-valur normali tkun żejda minħabba li ma seta' jiġi stabbilit l-ebda marġni ta' dumping fin-nuqqas tal-prezz tal-esportazzjoni.

(43) Fl-aħħar nett, il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tal-kumpanija billi ma żvelatx id-determinazzjoni tal-valur normali. F'dan ir-rigward, il-kumpanija talbet ukoll seduta ta' smigħ mal-uffiċjal tas-seduta, li ġiet organizzata fis-16 ta' Jannar 2020.

(44) Kif spjegat fil-premessa 42, il-valur normali għall-kumpanija ma ġiex determinat f'dan il-każ. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kienet naqset milli tiddivulga l-ebda informazzjoni fil-pussess tagħha. Barra minn hekk, b'risposta għal talba preċedenti tal-kumpanija li jkollha d-determinazzjoni tal-valur normali ddivulgata, il-Kummissjoni infurmat lill-kumpanija bl-elementi kollha li kienet tuża kieku ġie determinat valur normali.

(45) Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020, l-uffiċjal tas-seduta qies li l-Kummissjoni ma kisritx id-drittijiet tad-difiża tal-kumpanija meta ma żvelatx il-kalkolu tal-valur normali.

(46) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi 43 sa (48) tar-Regolament provviżorju u żammet id-deċiżjoni li tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(1), l-ewwel paragrafu, għall-kumpanija inkwistjoni. Billi l-bejgħ tal-esportazzjoni tal-kumpanija ma setax jiġi vverifikat, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi t-tipi eżatti tal-prodott esportati lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, u fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni qieset xieraq li l-marġni mogħti lill-kumpanija jkun ugwali għall-marġni residwu. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-kumpanija tista' titlob rimborż ta' dazji miġbura skont l-Artikolu 11(8) tar-Regolament bażiku, jekk fil-futur tista' turi li d-*data* tal-esportazzjoni tagħha tkun verifikabbli.

3.2. **Valur Normali**

(47) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv, il-fatturi tal-produzzjoni u l-parametri referenzjarji applikati għall-kalkolu tal-ispejjeż mingħajr distorsjoni, u l-kalkolu tal-valur normali, il-Kummissjoni kkonfermat il-premessi minn 49 sa 178 tar-Regolament provviżorju.

3.3. **Prezz tal-Esportazzjoni**

(48) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-istabbiliment tal-prezz tal-esportazzjoni, il-premessa 179 tar-Regolament provviżorju ġiet ikkonfermata.

3.4. **Marġini tat-tqabbil u tad-dumping**

(49) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, importatur tal-Unjoni mhux relatat esprima dubji dwar l-eżistenza ta' dumping fir-rigward tal-prodott ikkonċernat jew fir-rigward tal-SRW għall-karozzi tal-passiġġieri biss.

(50) Dawk il-kummenti kienu sempliċi dikjarazzjonijiet mingħajr ebda sostenn u ma kkontestawx is-sejbiet provviżorji tal-Kummissjoni dwar il-valur normali, il-prezz tal-esportazzjoni, u t-tqabbil tagħhom. L-uniku produttur esportatur li baqa' fil-kampjun, li fil-fatt irċieva l-kalkolu sħiħ tal-marġini tad-dumping, ma kkontestax dawk is-sejbiet u l-kalkoli. Din il-kumpanija kienet qed tesporta wkoll SRWs għall-karozzi tal-passiġġieri lejn l-Unjoni. Instabu marġini sinifikanti ta' dumping kemm fir-rigward tal-SRW għall-karozzi tal-passiġġieri kif ukoll fir-rigward tal-SRW għall-vetturi kummerċjali.

(51) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-metodoloġija tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping residwu, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 184 sa 185 tar-Regolament provviżorju.

(52) Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-marġnijiet ta' tqabbil u ta' dumping, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 180 sa 183 u l-premessi minn 186 sa 187 tar-Regolament provviżorju.

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(53) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward ta' din it-taqsima wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 188 sa 189 ta' dak ir-regolament.

4.2. **Suq u konsum tal-Unjoni**

(54) Importatur mhux relatat sostna li l-Kummissjoni waslet għal konklużjonijiet żbaljati fil-premessa 190 tar-Regolament provviżorju meta ddikjarat li r-roti għall-karozzi tal-passiġġieri u r-roti għall-vetturi kummerċjali jenħtieġ li ma jitqisux flimkien f'investigazzjoni unika. Skont din il-parti interessata, id-dumping ikun sinifikanti fuq ir-roti għall-vetturi kummerċjali filwaqt li dan ma jkunx il-każ għar-roti għall-karozzi tal-passiġġieri. Wara d-divulgazzjoni finali, l-istess importatur insista li r-roti għall-karozzi tal-passiġġieri u r-roti għall-vetturi kummerċjali jenħtieġ li ma jitqisux flimkien f'investigazzjoni unika fuq il-bażi li r-roti għall-karozzi tal-passiġġieri jirrappreżentaw inqas minn 1 % tal-konsum totali tal-Unjoni f'kilogrammi.

(55) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li r-roti għall-karozzi tal-passiġġieri u dawk għall-vetturi kummerċjali għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u huma sempliċiment tipi differenti tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, din l-investigazzjoni kopriet prodott wieħed biss. Id-differenzi potenzjali fid-daqs ta' dumping bejn tipi differenti tal-prodott ikkonċernat ma kienu bl-ebda mod rilevanti għall-valutazzjoni tal-ambitu ta' investigazzjoni, jiġifieri, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni sabet dumping sostanzjali għal kull tip ta' prodott investigat. Għaldaqstant, anki kieku dak l-element kien fatt rilevanti li kellu jiġi kkunsidrat, *quod non*, id-dikjarazzjoni kienet fattwalment inkorretta. Ta' min ifakkar li s-sejbiet li saru fil-premessi 190 sa 192 tar-Regolament provviżorju juru li kemm iċ-Ċina kif ukoll il-produtturi tal-Unjoni huma attivi b'mod simili fir-roti għall-karozzi tal-passiġġieri u fir-roti kummerċjali, li t-tnejn jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-esportazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni u tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Fl-Unjoni, madwar 65 % tal-bejgħ f'biċċiet huwa għar-roti tal-karozzi tal-passiġġieri. L-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, irrispettivament mit-tip ta' prodott jew mill-kanali ta' distribuzzjoni, jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, id-dikjarazzjoni ma ntlaqgħetx.

(56) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tas-suq u tal-konsum tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 190 sa 195 tar-Regolament provviżorju.

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

(57) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward ta' din it-taqsima, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 196 sa 204 tar-Regolament provviżorju.

4.4. **Qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Rimarki ġenerali*

(58) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 205 sa 209 tar-Regolament provviżorju.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

(59) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-indikaturi makroekonomiċi, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 210 sa 218 tar-Regolament provviżorju.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

(60) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-indikaturi mikroekonomiċi, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 219 sa 230 tar-Regolament provviżorju.

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(61) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-konklużjoni dwar id-dannu, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 231 sa 234 tar-Regolament provviżorju.

5. KAWŻALITÀ

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(62) Fi stadju provviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni tilfet mill-volum tal-bejgħ u mis-sehem mis-suq minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat, u li dawn l-importazzjonijiet waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni. Kien hemm ukoll evidenza li turi li dawk il-prezzijiet li kienu l-oġġett ta' dumping ikkawżaw soppressjoni tal-prezzijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn l-aħħar sejbiet huma riflessi fit-tabella 8 tar-Regolament provviżorju, li turi li fl-2017 iż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni kienet diġà inqas miż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni tagħha, filwaqt li fil-perjodu ta' investigazzjoni l-produtturi tal-Unjoni kienu mġiegħla jbiegħu bi prezz inqas mill-kostijiet tal-produzzjoni tagħhom. Dawk is-sejbiet ġew ikkonfermati fl-istadju definittiv.

(63) Wara d-divulgazzjoni finali u matul seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta, grupp Ċiniż sostna li t-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni ma għandux ikun kompletament attribwit għall-importazzjonijiet Ċiniżi minħabba li ż-żieda tas-sehem mis-suq Ċiniż matul il-perjodu kkunsidrat kienet inqas mit-tnaqqis tas-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni f'dak il-perjodu ([9]). L-istess grupp qal li l-Kummissjoni ma kinitx elaborat kif, anki jekk il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu b'7 % matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq baxx tal-importazzjonijiet Ċiniżi kellu impatt negattiv fuq is-suq tal-Unjoni, li kien iddominat minn produtturi tal-Unjoni.

(64) Il-Kummissjoni tinnota li mhuwiex meħtieġ li kull dannu li nstab jiġi attribwit lill-importazzjonijiet soġġetti; minflok, l-analiżi tal-imputazzjoni teżamina jekk l-importazzjonijiet suġġetti humiex kawża tad-dannu li nstab, li f'dan il-każ mhuwa kkontestat mill-ebda waħda mill-partijiet interessati. Kif spjegat fil-premessi minn 239 sa 252 tar-Regolament provviżorju, il-pressjoni tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ dgħajfet il-volumi tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat iżda kienet partikolarment ta' dannu fl-2017 u fil-perjodu ta' investigazzjoni meta l-kostijiet kienu qed jiżdiedu. Din il-pressjoni kkawżat telf kbir fil-produzzjoni, fil-bejgħ u fil-qligħ fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-ebda wieħed mill-fatturi l-oħra li ġew eżaminati, b'mod individwali jew b'mod kollettiv, ma jnaqqas ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(65) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-attribuzzjoni tad-dannu li nstab li ġie kkawżat lill-importazzjonijiet fil-mira, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 236 sa 238 tar-Regolament provviżorju.

5.2. Effetti ta' fatturi oħra

(66) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, importatur mhux relatat staqsa għaliex l-investigazzjoni ma nfetħitx kontra t-Turkija. Skont din il-kumpanija, skont it-tabelli 4 u 12 tar-Regolament provviżorju matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien hemm aktar importazzjonijiet ta' roti tat-triq tal-azzar mit-Turkija milli mir-RPĊ u l-prezzijiet tal-importazzjoni kienu simili.

(67) Il-Kummissjoni l-ewwel nett tinnota li l-investigazzjoni nfetħet kontra l-pajjiż li għalih kienet ġiet ippreżentata biżżejjed evidenza ta' dumping dannuż meta nbeda l-każ. Fil-fatt, l-ilment kien fih evidenza li l-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Turkija kienu f'livell għoli biżżejjed biex ma jikkawżax dannu lill-industrija tal-Unjoni. It-tieni nett, kif spjegat fil-premessa 241 tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni analizzat l-iżvilupp tal-volumi u tal-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniżi kif ukoll dawk Torok matul il-perjodu kkunsidrat. Fuq il-bażi tal-evidenza fil-fajl tal-każ, il-Kummissjoni kkonkludiet li bħala medja, il-prezzijiet Torok kienu madwar 25 % ogħla mill-prezzijiet Ċiniżi.

([9]) It-tabella 3 tar-Regolament provviżorju turi li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni żdied minn 2,6 % fl-2015 għal 5,3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. It-tabella 6 tar-Regolament provviżorju turi li s-sehem tas-suq tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas minn 84,9 % fl-2015 għal 79,8 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(68) Wara d-divulgazzjoni finali, grupp Ċiniż innota li l-volumi tal-importazzjonijiet mit-Turkija kienu ogħla mill-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Huwa żied li, b'differenza mill-prezzijiet ta' importazzjoni miċ-Ċina, il-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Turkija naqsu bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni u sostniet li l-Kummissjoni kienet naqset milli tanalizza l-impatt ta' tali tendenza fuq id-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni. Il-parti tenniet dawn il-kwistjonijiet matul seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta, fejn sostniet ukoll li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mit-Turkija (9,6 %) kien sinifikanti meta mqabbel ma' dak tal-importazzjonijiet Ċiniżi (5,3 %) u nnotat is-sehem mis-suq ta' importazzjonijiet oħra (5,2 %).

(69) Il-Kummissjoni tenniet li d-*data* tal-Eurostat ma ppermettietx li jkun hemm stampa preċiża dwar il-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet, iżda nnotat ukoll li t-tabelli 4 u 12 tar-Regolament provviżorju wrew li f'kull sena tal-perjodu kkunsidrat u matul il-perjodu ta' investigazzjoni l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet Ċiniżi għal kull kilo kienu taħt il-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Turkija u ferm anqas mill-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi oħra. Id-differenza fl-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi u l-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Turkija hija minuri u meqjusa irrilevanti, anki meta wieħed iżomm f'moħħu n-nuqqasijiet tad-*data* tal-Eurostat enfasizzata fil-premessa 200 tar-Regolament provviżorju u s-sejbiet mhux ikkontestati ppreżentati fil-qosor fil-premessa 241 tar-Regolament provviżorju kif imsemmi fil-premessa 67 hawn fuq. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Turkija ma jimminawx is-sejba li l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-SRW ikkawżaw dannu lill-produtturi tal-Unjoni.

(70) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-attribuzzjoni tad-dannu li nstab li ġie kkawżat lill-importazzjonijiet fil-mira, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 239 sa 250 tar-Regolament provviżorju.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(71) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ebda fattur ieħor minn dawk eżaminati ma seta' jkollu impatt rilevanti fuq is-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-ebda fattur, analizzat individwalment jew kollettivament, ma attenwa r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fis-sens li tali rabta ma tkunx għadha ġenwina u sostanzjali, li jikkonferma l-konklużjoni fil-premessa 252 tar-Regolament provviżorju.

6. **INTERESS TAL-UNJONI**

6.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(72) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 254 sa 255 tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

6.2. **Interess tal-importaturi u tal-utenti mhux relatati**

(73) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, importatur iddikjara li l-miżuri se jkollhom effetti devastanti fuq in-negozju tiegħu. Importatur ieħor semma li l-investigazzjoni kien se jkollha effetti negattivi irraġonevoli fuq l-attivitajiet ta' importazzjoni tiegħu, fuq il-konsumaturi u fuq l-ambjent iżda ma spjegax aktar jew ikkwantifika dawn l-effetti. L-ebda parti ma pprovdiet evidenza biex tissostanzja d-dikjarazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni qieset li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza, ma setgħetx tikkonkludi li l-allegati effetti negattivi se jaqbżu l-ħtieġa għal miżuri li jirrestawraw kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-SRW tal-Unjoni. Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet li kien hemm biżżejjed provvista tal-prodott ikkonċernat minn sorsi oħra sabiex tinżamm provvista adegwata bi prezzijiet tas-suq ġusti.

(74) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, l-ebda parti li tirrappreżenta l-interess tal-utenti ma resqet jew ippreżentat xi dikjarazzjoni.

(75) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-interess ta' importaturi u ta' utenti mhux relatati, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 256 sa 259 tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

6.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(76) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' ebda kumment, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa 260 tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

7. **MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI**

7.1. **Livell tal-eliminazzjoni tad-dannu**

(77) Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni vvalutat l-iżvilupp tal-volumi tal-importazzjoni matul il-perjodu ttad-divulgazzjoni minn qabel deskritt fil-premessa 4 ta' hawn fuq sabiex tiġi riflessa d-dannu addizzjonali f'każ li jkun hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet soġġetti għall-investigazzjoni f'dak il-perjodu. Skont il-bażijiet tad-*data* tal-Eurostat tal-Artikolu 14(6) u tas-Sorveljanza 2, tqabbil tal-volumi tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu ta' investigazzjoni u dawk tal-perjodu tad-divulgazzjoni minn qabel ma wrew l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet. Għalhekk ir-rekwiżiti għal żieda fid-determinazzjoni tal-marġini tad-dannu skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku ma ntlaħqux u ma sar l-ebda aġġustament għall-marġini tad-dannu.

(78) Fuq din il-bażi u fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 262 sa 269 tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

7.2. **Miżuri definittivi**

(79) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri antidumping definittivi sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

(80) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-RPĊ, skont ir-regola tal-inqas dazju fl-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 9(4), it-tieni paragrafu tar-Regolament bażiku.

(81) Abbażi ta' dak ta' hawn fuq, jenħtieġ li r-rati proviżorji tad-dazju antidumping, mogħtija skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, ikunu kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)	Dazju antidumping definittiv (%)
Xingmin Intelligent Transportation Systems Co., Ltd	69,4	50,3	50,3
Tangshan Xingmin Wheels Co., Ltd.	69,4	50,3	50,3
Xianning Xingmin Wheels Co., Ltd.	69,4	50,3	50,3
Kumpaniji oħra li kkooperaw	69,4	50,3	50,3
Kumpaniji l-oħrajn kollha	80,1	66,4	66,4

(82) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, kienu jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-PRC u prodott mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn xi kumpanija oħra mhux speċifikament imsemmija fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-'kumpaniji l-oħra kollha'. Jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju antidumping individwali.

(83) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju antidumping individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([10]). It-talba għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha rilevanti li tippermetti li jintwera li t-tibdil ma jaffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, avviż dwar il-bidla fl-isem jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([10]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Rue de la Loi 170, 1040 Brussels, Belgium.

(84) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati tad-dazju, hemm bżonn ta' miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji antidumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji antidumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju antidumping applikabbli għall-'kumpaniji l-oħra kollha'.

(85) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju antidumping individwali fuq l-importazzjonijiet, mhijiex l-uniku element li jrid jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jitolbu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(86) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet biex din issir. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija ta' rata(i) ta' dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(87) Biex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji antidumping, id-dazju antidumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda anki għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(88) L-istatistika tal-SRW ħafna drabi tiġi espressa f'għadd ta' biċċiet. Madankollu, ma hemm l-ebda unità supplimentari bħal din għal SRW speċifikata fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([11]). Għalhekk hemm bżonn li fid-dikjarazzjoni għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ma jingħatax biss il-piż f'kg jew f'tunnellati iżda anke l-għadd ta' biċċiet għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Jenħtieġ li jiġu indikati l-biċċiet għall-kodiċijiet TARIC 8708 70 10 80, 8708 70 10 85, 8708 70 99 20, 8708 70 99 80, 8716 90 90 95 u 8716 90 90 97.

7.3. **Ġbir definittiv tad-dazji provviżorji**

(89) Fid-dawl tal-marġnijiet tad-dumping li nstabu u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, l-ammonti garantiti permezz tad-dazju anti-dumping provviżorju, imposti bir-Regolament provviżorju, jenħtieġ li jinġabru b'mod definittiv.

8. **OFFERTA TA' IMPENN**

(90) Fis-sottomissjoni tiegħu wara l-iżvelar provviżorju, wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun wera r-rieda tiegħu li joffri impenn fuq il-prezz. Madankollu, l-offerta preliminari li saret mill-kumpanija ma kienx fiha l-aktar element importanti ta' impenn — il-livell ta' prezz minimu tal-importazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta tali talba.

9. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(91) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), meta ammont ikun irid jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jkun irid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(92) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

---

([11]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([12]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti tal-azzar iddisinjati għall-użu fit-triq, kemm jekk bl-aċċessorji tagħhom kif ukoll jekk mingħajrhom u kemm mgħammra bit-tajers kif ukoll jekk le, iddisinjati għal:

— Tratturi tat-triq,

— Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' persuni u/jew għat-trasport ta' merkanzija,

— Vetturi bil-mutur għal skopijiet speċjali (pereżempju, vetturi għat-tifi tan-nar, trakkijiet għall-bexx),

— Trejlers jew semitrejlers, mhux motorizzati, tal-vetturi elenkati hawn fuq

li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8708 70 10, ex 8708 70 99 u ex 8716 90 90 (kodiċijiet TARIC 8708 70 10 80, 8708 70 10 85, 8708 70 99 20, 8708 70 99 80, 8716 90 90 95 u 8716 90 90 97) ("il-prodott ikkonċernat").

Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

— Roti tat-triq magħmulin mill-azzar għall-assemblaġġ industrijali ta' trakters ikkontrollati minn persuni li jkunu mexjin li attwalment jaqgħu taħt is-subintestatura 8701 10,

— Roti għal kwads tat-triq,

— Ċentri ta' roti f'forma ta' stilla, fonduti biċċa waħda, tal-azzar,

— Roti għal vetturi bil-mutur iddisinjati speċifikament għal użi minbarra fuq toroq pubbliċi (pereżempju, roti għat-tratturi agrikoli jew tal-forestrija, għall-forklifters, għall-pushback tractors, għal dumpers iddisinjati għall-użu barra mit-toroq pubbliċi),

— Roti għal trejlers tal-karozzi tal-passiġġieri u għall-karavans, mhux motorizzati, b'dijametru tar-rimm ta' mhux aktar minn 16-il pulzier,

— Roti għal trejlers jew għal semitrejlers, iddisinjati speċifikament għal użi minbarra fuq toroq pubbliċi (pereżempju, roti għat-trejlers agrikoli u għal tagħmir agrikolu rmunkat ieħor li jintuża fl-għelieqi).

2. Ir-rati tad-dazju antidumping applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju antidumping definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Xingmin Intelligent Transportation Systems Co., Ltd	50,3	C508
Tangshan Xingmin Wheels Co., Ltd.	50,3	C509
Xianning Xingmin Wheels Co., Ltd.	50,3	C510
Kumpaniji kooperanti oħra elenkati fl-Anness	50,3	Ara l-Anness
Kumpaniji l-oħrajn kollha	66,4	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li tkun ħarġet tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga, abbozzata kif ġej: "*Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l- (biċċiet) tal- (prodott ikkonċernat) mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura ġew prodotti minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta.*' Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti garantiti bid-dazju antidumping provviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1693 għandhom jinġabru b'mod definittiv.

Artikolu 3

Fejn xi produttur mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li

i. ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Jannar 2018 sat-31 ta' Diċembru 2018),

ii. mhuwiex relatat ma' xi esportatur jew ma' xi produttur soġġett għall-miżuri imposti b'dan ir-Regolament; u

iii. effettivament esporta l-oġġetti kkonċernati jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni,

il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness sabiex tattribwixxi lil dak il-produttur id-dazju applikabbli għall-prodotturi li kkooperaw mhux fil-kampjun, jiġifieri 50,3 %.

Artikolu 4

Fejn tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fir-rigward tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, l-ammont ta' biċċiet tal-prodotti importati għandu jiddaħħal fil-parti rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Isem	Il-kodiċi TARIC addizzjonali
Dongfeng Automobile Chassis System Co., Ltd (imsejħa wkoll "Dongfeng Automotive Wheel Co., Ltd")	C511
Hangzhou Forlong Impex Co., Ltd	C512
Hangzhou Xingjie Auto Parts Manufacturing Co., Ltd	C513
Jiaxing Henko Auto Spare Parts Co., Ltd	C514
Jining Junda Machinery Manufacturing Co., Ltd	C515
Nantong Tuenz Corporate Co., Ltd	C516
Ningbo Luxiang Autoparts Manufacturing Co., Ltd	C517
Shandong Zhengshang Wheel Technology Co., Ltd	C518
Shandong Zhengyu Wheel Group Co., Ltd	C519
Xiamen Sunrise Group Co., Ltd	C520
Yantai Leeway Electromechanical Equipment Co., Ltd	C521
Yongkang Yuefei Wheel Co., Ltd	C522
Zhejiang Jingu Co., Ltd	C523
Zhejiang Fengchi Mechanical Co., Ltd	C524
Zhengxing Wheel Group Co., Ltd	C525
Zhenjiang R&D Auto Parts Co., Ltd	C526